**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-KUMMERC)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum it-Tlieta 30 ta` Gunju 2020**

**Kawza Nru.4**
**Rik. Nru. 6/20 JZM**

**Avv. Jean-Pie Gauci-Maistre (detentur tal-Karta tal-Identita` bin-numru 345384M) bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera Vroon Containers B.V., socjeta` registrata fl-Olanda b`indirizz registrat ta` Haven Westzijde 21, 4511 AR, Breskens, Olanda**

***kontra***

1. **Balticmax Holding Company Limited (C 70765), kif rapprezentata mill-Av. Dott. Richard Galea Debono, bhala Chairman mahtur mill-Qorti;**

2. **Pal Leo Eckbo, detentur tal-karta tal-identita` Norvegiza bin-numru 03114836108 ta` 87, E. Wheelock**

**Street, Hanover NH 03755, fl-iStati Uniti tal-Amerka, personalment bhala azzjonista ta` Balticmax Holding Company Limited; u**

**3. Balticmax Acquisition Corporation One Limited (C-70766) ghal kull interess li jista` jkollha**

**Dan huwa provvediment dwar talba li saret fl-udjenza tal-5 ta` Marzu 2020 tal-kawza fl-ismijiet premessi mill-Av Dr Richard Galea Debono bhala direttur tal-kumpannija Balticmax Holding Company Limited sabiex din il-Qorti taghti *interim order* fejn tordna illi Arlie Sterling bhala uniku direttur attwali tal-kumpannija Balticmax Acquisition Corporation One Limited jieqaf milli jezercita l-mansjonijiet tieghu ta` direttur ta` dik il-kumpannija, sakemm jigi deciz il-mertu tar-rikors fl-ismijiet premessi, sakemm jigi deciz il-mertu ta` talba li saret minn Dr Joseph Camilleri noe fl-10 ta` Jannar 2020 fl-atti tar-rikors numru 13/19 JZM, u sabiex jigu evitati pregudizzji lejn kull naha.**

**Il-Qorti :**

Rat it-talba tal-Av. Dr. Richard Galea Debono li saret fl-udjenza tal-5 ta` Marzu 2020.

Semghet is-sottomissjonijiet li ghamlu d-difensuri fl-udjenza tat-12 ta` Marzu 2020.

Rat li t-talba thalliet ghal provvediment.

Rat l-atti tal-kawza fl-ismijiet premessi.

**Ikkunsidrat :**

Fl-ambitu ta` kawzi istitwiti abbazi tal-Art 402 tal-Kap 386, kienu ben delineati fil-gurisprudenza tal-qrati taghna matul dawn l-ahhar ghaxar snin linji gwida ntizi sabiex jirregolaw l-ghoti ta` *interim orders.*

Sal-lum il-linji gwida huma :-

1. Talba ghall-ghoti ta` *interim order* tista` tinghata konsiderazzjoni mill-qorti fid-diskrezzjoni taghha skont il-fatti u cirkostanzi ta` kull kaz fil-pendenza ta` kawza fil-mertu dwar allegat ksur tal-Art 402 tal-Kap 386, ghaliex anke jekk l-Att dwar il-Kumpanniji ma jitkellem xejn dwar l-ghoti ta` ordni ta` din ix-xorta, fl-istess waqt ma jimponi ebda divjet fuq il-qorti milli taghmel dan.

2. Meta tintalab sabiex taghti *interim order,* qorti ghandha *tillimita* l-provi u s-sottomissjonijiet ghat-talba li tkun saret, ghandha tipprovdi dwar *dik* it-talba, u ghandha *toqghod lura* milli tippronunzja ruhha dwar il-mertu tal-kawza billi decizjoni dwar dan tkun tista` ssir *biss* wara li jkun sar is-smigh tal-provi kollha fuq il-mertu.

3. L-ghan principali ghall-ghoti ta` *interim order* ghandu jkun sabiex jigi rispettat l-i*status quo ante* l-presentata tal-ilment skont l-Art 402 sakemm ikun mistharreg l-ilment u deciz fil-mertu tieghu. L-ordni ghandu jkun intiz ukoll sabiex *pendente lite* jkunu mharsa l-interessi ta` kull min ihossu mgarrab; fost dawn (izda mhux biss) ir-rikorrent, u anke l-kumpannija li tista` ggarrab konsegwenzi negattivi rreversibbli u trawmatici.

4. *Interim order* m`ghandhiex titqies bhallikieku hija *a matter of course.* Ghandha tinghata fejn ma jkunx hemm rimedju alternattiv adegwat u temporanju fiz-zmien. Jekk ikun jissussisti rimedju iehor, anke jekk temporanju fiz-zmien, allura m`ghandux johrog hemm *interim order.*

5. Propju ghaliex hija ordni temporanja, jekk tkun harget, u l-kawza fil-mertu tkun deciza kontra min ikun ippropona l-azzjoni, allura l-*interim order* taqa` *ipso facto.*

**Ikkunsidrat :**

Fil-prezent Arlie Sterling jidher li huwa **l-uniku direttur** li hemm fil-bord tad-diretturi Balticmax Acquisition Corporation One Limited ("**AC1**"). Hekk jirrizulta mill-atti. Ghaliex hekk gara kien imfisser waqt is-sottomissjonijiet.

Il-Qorti diga` taf bil-konflitt ta` bejn iz-zewg azzjonisti ta` Balticmax Holding Company Limited ("**BHC**"), li ghandha l-ishma kollha ta` AC1, liema disgwid kien kjarament rifless fl-imgieba taz-zewg diretturi, kull wiehed mahtur minn kull azzjonista. **Bhala fatt** dan id-disgwid mhux biss baqa` rrisolt izda qieghed iwassal ghal aktar litigazzjoni.

Ghandu min ghandu ragun fil-mertu tal-litigazzjoni pendenti, ma jaghmel ebda sens li Arlie Sterling jibqa` jmexxu **wahdu** lil AC1 meta realment jissussisti stat ta` sfiducja prattikament dwar kollox.

Il-Qorti hija konxja li llum AC1 mhijiex taghmel in-negozju li ghalih kienet kostitwita, ghalkemm jirrizulta li hija nvoluta f`litigazzjoni fil-Germanja, li qeghda titmexxa minn Arlie Sterling, bi flus li rrizulta li kienu pprovduti minn Pal Leo Eckbo li llum huwa wiehed mill-azzjonisti ta` BHC.

*Prima facie* l-Qorti mhijiex tara pregudizzju, fl-ambitu tal-kawza fil-mertu, bil-fatt li Arlie Sterling jibqa` jiehu hsieb il-kawza istitwita fil-Germanja. Fl-istess waqt pero` tara diffikultajiet ghall-konservazzjoni tal-i*status quo* f`AC1 bil-fatt illi Arlie Sterling jibqa` bis-setghat **l-ohra** ta` direttur fic-cirkostanzi prezenti tat-tmexxija ta` AC1.

## Provvediment

**Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tipprovdi dwar it-talba li saret mill-Av Dr Richard Galea Debono (bhala direttur tal-kumpannija Balticmax Holding Company Limited) fl-udjenza tal-5 ta` Marzu 2020 billi qeghda taghti *interim order* fis-sens illi sakemm jinghata provvediment finali dwar il-mertu tal-kawza fl-ismijiet premessi u sakemm jinghata provvediment dwar talba li saret minn Dr Joseph Camilleri nomine fl-10 ta` Jannar 2020 fl-atti tar-rikors nru. 13/19JZM :**

**Fl-ewwel lok, u b`effett mil-lum, qeghda tippermetti li Arlie Sterling jibqa` jirrapprezenta lill-kumpannija Balticmax Acquisition Corporation One Limited fil-litigazzjoni li l-kumpannija ghandha pendenti fil-Germanja b`dan illi Arlie Sterling m`ghandu jiehu ebda decizjoni u lanqas m`ghandu jaghti ebda direzzjoni dwar dik il-litigazzjoni sakemm ma jkunx talab bil-miktub u kiseb bil-miktub l-approvazzjoni tal-bord tad-diretturi tal-kumpannija Balticmax Holding Company Limited.**

**Fit-tieni lok, u b`effett mil-lum, qeghda tissospendi kull setgha ohra li Arlie Sterling ghandu bhala direttur tal-kumpannija Balticmax Acquisition Corporation One Limited.**

**L-ispejjez ta` dan il-provvediment jibqghu rizervati.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**